MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1010/2011

**L-Avukat Dottor William Cuschieri fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' l-assenti Valentina Pikaeva**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attur nomine ppremetta:

1. Illi l-mandanti tal-esponenti, Valentina Pikaeva, hija omm id-defunt Alexander Pikaev (li kellu l-Passaport Russu bin-numru 51 No. 3464469);

2. Illi l-imsemmi defunt Alexander Pikaev miet Malta senjatament ġewwa "Porto Paolo", Flat 22, Block A, Triq Buġibba, San Pawl il-Baħar nhar is-16 ta'Ġunju 2010;

3. Illi fi żmien tal-mewt tal-imsemmi Alexander Pikaev huwa kellu relazzjoni ma' Marina Kasimovskaya, u din innotifikat il-mewt tal-imsemmi Alexander Pikaev lill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

4. Illi l-att tal-mewt tal-imsemmi Alexander Pikaev ġie reġistrat bin-numru 542 tas-sena 2011, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument VP1". Fuq dan l-att hemm erronjament indikat fil-kolonna intestata *"Jekk għażeb / xebba / miżżewweġ / armel / armla"* illi l-imsemmi defunt kien *"Husband of Marina Kasimovskaya nee' Kasimovskaya"*;

5. Illi dan it-tagħrif huwa żbaljat peress illi d-defunt Alexander Pikaev ma kienx miżżewweġ lill-imsemmija Marina Kasimovskaya iżda kien ġuvni;

6. Illi l-mandanti tal-esponenti għandha interess skond il-liġi, *ai termini* tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tal-mewt tad-defunt Alexander Pikaev;

7. Illi l-esponenti jiddikjara illi dawn il-fatti jafhom *in parte* personalment u minn dokumenti uffiċjali u *in parte* minn informazzjoni mogħtija lilu mill-mandanti tiegħu;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qegħda hawn titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna korrezzjoni tal-Att tal-Mewt bin-numru 542 tas-sena 2011, liema att jirreferi għall-mewt tad-defunt Alexander Pikaev, fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Jekk għażeb / xebba / miżżewweġ / armel / armla"* jiġu mħassra l-kliem *"Husband of Marina Kasimovskaya nee' Kasimovskaya"*; u minflok jitniżżel illi d-defunt Alexander Pikaev kien ġuvni ossija *"unmarried"*;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fil-21 ta' Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti jirrimetti ruħu għad-diskrezzjoni prudenzjali ta' din l-Onorabbli Qorti a rigward it-talba tar-rikorrenti salv pero' li jiġi pruvat sal-grad rikjest mil-liġi lid-defunt Alexander Pikaev tassew ma kienx miżżewweġ;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------